# Vittmi Żwieten matul il-Gwerra li għaddiet

## Kitba ta' Carmelo P. Baldacchino

L-irħama li hemm mal-ħajt taħt il-każin tal-futbol il-pjazza ta' quddiem il-Knisja, kulħadd jaf li hija tifkira tal-vittmi li sfaw maqtula flimkien ma' diversi nies oħra li sfaw korruti, meta fit-2 ta' Mejju, 1942 ġew mixħuta bombi fuq ir-raħal tagħna fejn waħda minnhom għamlet dik it-traġedja fil-pjazza. Kienet verament deċiżjoni għaqlija li fl-1967 saret dik l-irħama bħala tifkira, u li din id-data daħlet fil-kalendarju tal-Kunsill Lokali fejn fit-2 ta' Mejju ta' kull sena wara li ssir talba għar-ruħ il-vittmi titqiegħed kuruna f'isem il-Kunsill għan-nom tal-poplu Żejtuni.

Ħafna minn dawk li minħabba l-eta' tagħhom u minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni, jaħsbu li dawk kienu l-uniċi vittmi Żwieten matul il-gwerra kollha, u ma jafux li kien hemm diversi persuni oħra li ħallew dan il-wied tad-dmugħ, billi sfaw vittmi ta' xi attakk mill-għadu. Ta' min isemmi li minn riċerka li kienet saret meta kien ser isir il-monument f'ġieħ dawn il-vittmi kien instab li mietu 113 persuna Żejtunija konsegwenza tal-gwerra, imma dawn ma mitux kollha fiż-Żejtun. Uħud minnhom mietu fuq il-front tal-battalja, oħrajn li marru jaqilgħu l-għixien tagħhom u ma rritornaw qatt, u oħrajn li mietu fuq il-baħar u ma nstab xejn minnhom. Iż-Żejtun ma kellux dik l-istraġi li kellhom il-bliet tal-Kottonera jew villaġġi oħra li peress li kienu f'post strateġiku minħabba l-port, it-tarzna jew il-mitjar l-attakki li kienu jkunu mmirati fuq dawk il-postijiet ta' difiża jew għal xi bastimenti speċjalment tal-gwerra u għalhekk ġrat ħafna ħsara f'dawk il-postijiet, billi l-attakk kien spiss jolqot lilhom, u l-popolazzjoni ta' dawk il-postijiet li kellhom joħorġu minn djarhom u jfittxu refuġju f'postijiet oħra, fosthom fiż-Żejtun fejn ġew ħafna nies mill-Kottonera, u dawn ġew milqugħa minn missirijietna b'idejhom miftuħa avolja ġew bil-ħwejjeġ ta' fuqhom biss u kellhom iħallu l-ġid u d-djar tagħhom warajhom.



Searchlights madwar iż-Żejtun waqt l-attakki mill-ajru mill-Luftwaffe, il-qawwa ta' l-ajru tal-Ġermanja Nażista. April 1942.

Fil-bidu tal-gwerra matul l-attakki Taljani ta' l-ewwel ġimgħat tal-gwerra ġew mitfugħa bombi mill-ajru fil-viċinanzi taż-Żejtun, li jinkludu t-Triq tar-Ramla, fejn parti minn razzett twaqqgħet.

Fil-21 ta' April 1941, kien it-Tnejn fil-5 ta' filgħodu sar attakk meta ġie mwaqqa' bini u ieħor ġarrab ħsarat fi Triq Sant'Anġlu fejn mietet Anna Spiteri ta' 21 sena.

Fil-11 ta' Mejju 1941, kien il-Ħadd fid-9 ta' filgħaxija waqt li kien għadu qed jidlam u bil-qamar kwinta għadu tiela' (ħin tas-Sajf għax dak iż-żmien il-ħinijiet kienu jinbidlu ta' spiss biex iħawdu l-għadu) meta ġew mitfugħa bombi fi Triq Xejba, Triq Santa Marija, Triq il-Ħerba, Sqaq San Feliċ, Triq Santa

Katerina u fil-ġnien tal-Markiża. F'dan l-attakk mietu Bernarda Mifsud ta' 33 sena, fi Triq Santa Marija, Dolores Degabriele ta' ħamest ijiem u Joseph Degabriele ta' sentejn fi Triq il-Ħerba.
Fid-19 t'Awissu 1941, kienet il-ġurnata tat-Tlieta fil-10.30 ta' filgħaxija ħin tas-Sajf meta ġew mitfugħa ħafna balal żgħar magħrufa bħala termos (Bombi tan-nar) li kienu Taljani, u dawn bdew neżlin bħal xita madwar iż-Żejtun kollu, tant li wara l-Knisja dehret qisha qiegħda tixgħel b'dawl qawwi ħafna bil-bombi qegħdin jaqbdu. Joseph Cutajar ta' 19-il sena miet meta waħda minn dawn il-bombi splodiet fuq l-għatba tiegħu fi Triq Santa Katerina, filwaqt li Consiglia Farrugia mietet fit-triq. Fil-lejl tal-Ħadd għat-Tnejn tas-7 u 8 ta' Diċembru 1941 saru diversi attakki konsekuttivi għal erbat ijiem wara xulxin, meta minn nofs il-lejl sas-siegħa waqgħu xi bombi lejn Bir-id-Deheb imma ma weġġa' ħadd. Fit-2 ta' Jannar, 1942 il-Ġimgħa u għas-sbieħ is-Sibt 3 ta' Jannar, sitt bombi waqgħu fil-qalba tar-raħal u f'xi raba' fil-parti ta' fuq ta' Triq Luqa Briffa u fi Triq Sant Anġlu. Żewġ persuni ġew salvati minn qalb it-tifrik, waqt li Carmelo Bonavia ta' 50 sena miet. Fit-3 ta' Jannar 1942, il-lejl tas-Sibt għall-Ħadd ġew mitfugħa xi bombi u waqa' xi bini fi Triq Santa Marija, intlaqtet ftit il-knisja tal-Ħniena u Triq Marsaxlokk. F'dan l-attakk ma weġġa' ħadd.

Fil-31 ta' Jannar, 1942, fil-lejl tas-Sibt u l-Ħadd fil-11 ta' filgħodu (ħin tas-Sajf) ġew mitfugħa bombi fuq ir-raħal



Aktar searchlights fuq iż-Żejtun. Fl-isfond jidher wieħed mill-arbli li kien hemm fil-pjazza.

meta ġew imġarrfa xi djar fir-Raħal ta' Fuq meta fi Sqaq Alessandru mietu Anthony Farrugia ta' 6 snin, Antonia Zahra ta' 10 snin, John Mary Zammit ta' 11-il sena, Joseph Zammit ta' sena u Mary Zammit ta' 30 sena.
Fis-6 t'April, it-tnejn tal-Għid, waranofsinhar ġew mitfugħa bombi r-raħal t'isfel, fi Sqaq il-Bjar u fi Triq Sant'Anġelo fejn mietu Doris Busuttil ta' sentejn u Antonia Spiteri ta' 54 sena.
Fid-9 t'April 1942, il-Ħamis saru diversi attakki matul il-ġurnata u għall-ħabta ta' Nofsinhar ġew mitfugħa bombi kbar fil-għelieqi fi Triq Melchiorre Gafa' fejn saret ħsara fil-bini u l-għamara ta' ġewwa meta miet Emmanuel Rizzo ta' 4 snin.
Is-Sibt 2 ta' Mejju, 1942 fil-10.30 ta' filgħodu sar attakk minn Junker 88 li tefa' bombi kontra l-persuni minn ġos-sħab u waħda minnhom ġiet quddiem iz-Zuntier tal-knisja parrokkjali fejn ħalliet l-istraġi msemmija fuq l-irħama li tkellimna dwarha. Din l-istraġi tkun ilha li seħħet 60 sena, f'Mejju 2002.

## Ritratt ta' l-Irħama

Fit-8 ta' Mejju 1942, il-Ġimgħa festa ta' Pompej, waqt li kien qiegħed jisbaħ fis-6.40 ta' filgħodu ħin doppju tas-Sajf bomba kbira waqgħet il-Ħerba fejn għamlet ħafna ħsara u f'dan l-attakk sfaw vittmi Nazzarenu Ciantar ta' 40 sena, Grace Ciantar ta' 40 sena, Lawrence Dimech u Antonia Dimech u tifla ta' sitt xhur Lorenza Camilleri fi Sqaq San Bastjan li mietet meta waqa' s-saqaf fuqha.

Minħabba n-nuqqas ta' spazju li huwa limitat ħafna ser inkompli bl-ismijiet tal-pajżana Żwieten li tilfu ħajjithom.

| | |
|---|---|
| Abela John Mary | |
| Agius Angelo | 29 sena |
| Attard Carmelo | 16-il sena |
| Azzopardi Lawrence | |
| Bonnici Carmelo | 50 sena |
| Bonnici Salvina | |
| Busuttil Joseph | 58 sena |
| Buttigieg Josephine | |
| Camilleri Carmelo | 18-il sena |
| Caruana Christopher | 77 sena |
| Caruana Lawrence | 35 sena |
| Caruana Paul | |
| Desira Annunziato | 21 sena |
| Despott Paul | 16-il sena |
| Fenech Paul | |
| Mercieca Joseph | 49 sena |
| Mifsud Saviour | 56 sena |
| Saliba Saviour | |
| Spiteri Anthony | 54 sena |
| Spiteri Lawrence | 62 sena |
| Testaferrata De Nato Alfio | 12-il sena |
| Zahra Carmelo | 15-il sena |
| Baldacchino Joseph | 45 sena |

| | |
|---|---|
| Attard Carmelo | 15-il sena |
| Azzopardi Rosaria | |
| Bonavia Joseph | 9 snin |
| Bonnici John Mary | |
| Brignoli Albert | 51 sena |
| Busuttil Josephine | 14-il sena |
| Carabott Emmanuel | 53 sena |
| Caruana Joseph | 12-il sena |
| Caruana Leonard | 56 sena |
| Degabriele France | |
| Desira Saviour | 50 sena |
| Ellul Vincent | 67 sena |
| Grech Louis | 31 sena |
| Grech Joseph | 64 sena |
| Grech Carmelo | 44 sena |
| Mercieca Carmelo | 64 sena |
| Mifsud Gaetano | 54 sena |
| Scicluna Joseph | 18-il sena |
| Spiteri Joseph | 55 sena |
| Spiteri Saviour | 36 sena |
| Zammit Louis | 44 sena |
| Cioffi Carmelo | 5 snin |




**Ma' dawn insemmi wkoll Żwieten li mietu fuq il-kamp tal-battalja jew fuq xi bastiment kemm navali jew Merkantili**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Zammit Saviour | 46 sena | 19.11.1941 | fuq SS Sydney |
| Bonnici Joseph | 49 sena | 10.3.1941 | HMS Ploughboy |
| Degabriele Peter | 29 sena | 26.61940 | HMS Medusa |
| Chetcuti John | | 25.11.1941 | HMS Barham |
| Fenech Carmelo | | 30.3.1941 | HMS St. Angelo |
| Grech Carmelo | | 30.3.1941 | HMS St Angelo |
| Mifsud Carmelo | | 10.4.1940 | HMS Hotspur |
| Scorfna Angelo | | 8.1.1945 | SS Ashbury Merchant Navy |
| Fenech Edward | 25 sena | 13.1.1945 | SS. Inventor Merchant Navy |
| Gasciulli Joseph | 39 sena | 7.12.1942 | SS Seramic DO |
| Sinagra Nazzareno | 34 sena | 21.1.1942 | SS Waziristan DO |
| Psaila Emmanuel | | 8.4.1941 | Tugboar Moor. |

## Persuni tas-servizzi

| | | |
|---|---|---|
| Carmelo Camenzuli | | 2.4.1942 |
| Cordina Joseph | 21 sena | 11.6.1940 |
| Marroun Joseph | 21 sena | 2.6.1941 |
| Frendo John Baptist | 19-il sena | 8.3.1942 |
| Dalli Theodore | 29 sena | 11.4.1942 |
| Ellul Consiglio | | 26.4.1942 |
| Camenzuli Carmelo | | 2.4.1942 |
| Micallef Vincent | 30 sena | 24.3.1942 |
| Vella Anthony | | 23.6.1942 |

**Dawn il-persuni li ħallew ħajjithom għal pajjiżna huwa ta' min jiftakar fihom fit-talb tiegħu u forsi xi darba jsir mafkar biex isimhom jibqa' jissemma għal ħafna żmien.**

*Nixtieq inrodd ħajr lil: Is-Sur John A. Agius - San Ġiljan, Is-Sur Victor Abela - Żejtun, Rev. Kan. Joe Abela - Żejtun*